# L-IMĦABBA TA’ L-EGĦDEWWA

**L-EWWEL QARI**
**Qari mill-Ewwel Ktieb ta’ Samwel**
**1 Sam 26, 2,7-9, 12-13, 22-23**

F’dak iż-żmien: Sawl qabad u mar fid-deżert ta’ Żif u miegħu tlett elef raġel magħżula minn Israel biex ifittex ‘il David fid-deżert ta’ Żif. Bil-lejl David u Abisaj daħlu f’nofs l-eżerċtu, u Sawl kien hemm, rieqed fil-kamp, bil-lanza mwaħħla fl-art ħdejn rasu, u Abner u l-eżerċtu rieqda madwaru. Abisaj qal lil David: “Illum Alla tak f’idejk il-għadu tiegħek. Mela ħallini nsammru ma’ l-art b’daqqa waħda ta’ lanza bla ma nidorbu darbtejn.’’ Imma David qal lil Abisaj: “La teqirdux: għax min se jmidd idu fuq il-bniedem ikkonsagrat mill-Mulej u jibqa’ bla ħtija?’’
David imbagħad ħa l-lanża u l-ġarra ta’ l-ilma li kienet ħdejn ras Sawl u telqu minn hemm. Ħadd ma rahom u ħadd ma għarafhom, għax ħadd ma stenbaħ: ilkoll kienu rieqda, għax il-Mulej xeħet ngħas tqil fuqhom. David qasam għan-naħa l-oħra u waqaf fuq il-quċċata tal-muntanja, ‘il bogħod minnhom, b’wesgħa kbira bejniethom. Imbagħad David għajjat u qal “Hawn hi l-lanza, sultan! Ħalli jiġi għaliha xi ħadd miż-żgħażagħ u jeħodha. Il-Mulej iħallas ‘il kulħadd skond il-ġustizzja u s-sewwa tiegħu. Il-Mulej illum erħiek f’idejja. Imma jien ma ridtx immid idi fuq il-bniedem ikkonsagrat mill-Mulej.’’

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**SALM RESPONSORJALI**
**Salm 102**
**Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej.**

Bierek, ruħ tiegħi, ‘il-Mulej,
Kull ma hu ġo fija, bierek l-isem qaddis tiegħu.
Bierek, ruħ tiegħi, ‘il-Mulej,
u la tinsiex il-ġid kollu li għamel miegħek.

**R/. Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej**

Hu li jaħfer dnubietek kollha,
li jfejjaq il-mard tiegħek kollu,
li jifdi ‘l ħajtek mill-ħofra,
li jdawrek bit-tjieba u l-ħniena.

**R/. Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej**

Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej,
idum ma jagħdab u kollu mogħdrija;
ma mexiex magħna skond dnubietna,
ma ħallasniex skond ħtijietna.

**R/. Ħanin u ta’ qalb tajba l-Mulej**

Daqs kemm hu mbiegħed il-lvant mill-punent,
hekk hu jbiegħed minna ħtijietna.
Bħalma missier iħenn għal uliedu,
Hekk iħenn il-Mulej għal min għandu l-biża' tiegħu

**R/. Ħanin u ta' qalb tajba l-Mulej**

**IT-TIENI QARI**
**Qari mill-Ewwel Ittra ta' San Pawl Appostlu lill-Korintin**
**1 Kor 15, 45-49**

Ħuti: L-Iskrittura tgħid: "L-ewwel bniedem, Adam, sar ruħ ħajja''; l-aħħar wieħed sar ruħ li tagħti l-ħajja.
Mhux l-ispiritwali ġie l-ewwel, imma l-ewwel in-naturali u mbagħad l-ispiritwali.
L-ewwel bniedem, mit-trab, hu ta' l-art; it-tieni bniedem, mis-sema. Bħalma hu l-bniedem ta' l-art, hekk ukoll huma l-bnedmin ta' l-art;
Bħalma hu l-bniedem tas-sema, hekk ukoll huma l-bnedmin tas-sema
Bħalma aħna mlibbsa x-xbieha tal-bniedem ta' l-art, hekk ukoll għad nilbsu x-xbieha tal-bniedem tas-sema.

**Il-Kelma tal-Mulej**
**Inroddu ħajr lil Alla**

**HALLELUJAH**
**Hallelujah. Hallelujha**
Iftħilna qalbna, Mulej,
biex nifhmu dak li jgħidilna Ibnek.
**Hallelujah**

**L-EVANĠELJU**
**Qari mill-Evanġelju ta' San Luqa**
**Lq 6, 27-38**

F'dak iż-żmien: Ġesu' qal lid-dixxipli tiegħu: "Lilkom, li qegħdin tisimgħu, ngħidilkom: ħobbu 'l-egħdewwa tagħkom, agħmlu l-ġid lil min jobgħodkom, bierku 'l min jisħetkom, itolbu għal min iżeblaħkom. Lil min jagħtik bil-ħarta fuq ħaddek il-wieħed offrilu l-ieħor ukoll; lil min jeħodlok il-mantar anqas ma għandek tiċħadlu l-libsa. Kull min jitolbok agħtih, u min jeħodlok li hu tiegħek titlobhulux lura. Kif tridu li l-bnedmin jagħmlu lilkom, hekk ukoll agħmlu intom lilhom.
Jekk intom tħobbu 'l min iħobb lilkom, xi ħlas jista' jkolllkom? Għax ukoll il-midinbin iħobbu 'l min iħobbhom. U jekk tagħmlu l-ġid 'il min jagħmel il-ġid lilkom, xi ħlas jista' jkollkom? Għax ukoll il-midinbin jagħmluh dan. U jekk tisilfu xi ħaġa lil min tkunu tistennewli se jroddhielkom lura, xi ħlas jista' jkollkom? Ukoll il-midimbin jisilfu lill-midinbin bil-ħsieb li jirċevu daqskemm ikunu silfu.
Imma ħobbu 'l-egħdewwa tagħkom, agħmlu l-ġid, u isilfu bla ma tistennew xejn lura, u l-ħlas tagħkom ikun kbir, u tkunu wlied il-Għoli, li hu twajjeb ma' l-ingrati u mal-ħżiena. Ħennu, bħalma hu ħanin Missierkom.
Tiġġudikawx, u ma tkunx iġġudikati; tikkundannawx, u ma tkunux ikkundannati; aħfru u tkunu maħfura; agħtu, u jingħatalkom; kejl tajjeb, marsus, mheżheż sewwa u mbidded iqegħdulkom f'ħoġorkom; għax bl-istess kejl li tkejlu intom jitkejjel

lilkom.’’

**Il-Kelma tal-Mulej**
**It-Tifħir Lilek Kristu.**